**Dispożittiv**

*L-Artikoli 2(1) u 3(a), kif ukoll il-punt 6 tal-Anness I A u l-punt 6 tal-Anness I B, tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) minn naħa waħda, u l-Artikolu 2 (1)(a) u 3(b) l-Artikolu 3(1)(a) u (b), kif ukoll il-punt 6 tal-Anness I u tal-Anness II tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE), minn naħa l-oħra, għandhom jiġu interpretati fis-sens li apparat għal bibien ta' garaxx, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali li jiffunzjoni permezz ta' vultaġġ ta' madwar 220 sa 240 volts, u li huwa ddisinjat sabiex ikun inkorporat fl-istruttura tal-bini flimkien mal-bieb tal-garaxx korrispondenti, u li jista' fi kwalunkwe mument jiġi żarmat, armat mill-ġdid u/jew miżjud mal-imsemmija struttura, jaqa' fil-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttiva 2002/96 u tad-Direttiva 2012/19 matul il-perijodu tranżitorju stabbilit mill-Artikolu 2(1)(a) ta' din l-aħħar direttiva.*

([1]) ĠU C 439, 08.12.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka**

**(Kawża C-468/14)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2001/37/KE — Manifattura, preżentazzjoni u bejgħ tal-prodotti tat-tabakk — Artikoli 2(4) u 8 — Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tat-tabakki għall-użu orali — "Snus" (tabakk li wieħed isoff) sfuż)***

(2015/C 311/13)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Cattabriga u M. Clausen, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. Thorning u M. Wolff, aġenti)

**Dispożittiv**

1) *Billi kompla jawtorizza l-bejgħ tas-"snus" (tabakk li wieħed isoff) sfuż, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 2(4) u 8 tad-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk.*

2) *Ir-Renju tad-Danimarka huwa kkundannat għall-ispejjeż*

([1]) ĠU C 439, 08.12.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża**

**(Kawża C-485/14)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Moviment liberu tal-kapital — Artikoli 63 TFUE u 40 tal-Ftehim ŻEE — Taxxa fuq trasferimenti magħmula mingħajr korrispettiv — Eżenzjoni — Legati u donazzjonijiet — Differenza fit-trattament — organi jkunu stabbiliti fi Stat Membru ieħor — Assenza ta' ftehim fiskali bilaterali)***

(2015/C 311/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland u W. Roels, aġenti)